**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF DR MARK CHETCUTI LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR EDWINA GRIMA LL.D.**

**ONOR. IMĦALLEF DR GIOVANNI GRIXTI LLD.**

**Illum l-Erbgħa 04 ta' Ottubru 2023**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 16/2021**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**AA**

**Il-Qorti:**

**1**.Rat l-Att ta' l-Akkuża imressqa quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-12 ta' Awwissu 2021 kontra AA, li bis-saħħa tagħha l-istess Avukat Ġenerali akkużah:

**<u>FL-EWWEL KAP</u>**, illi fil-ġranet u x-xhur preċedenti għad-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), l-akkużat AA iddeċieda li jibda' jiltaqa' ma' tfajla minorenni bl-isem ta' AB u fi nħawi oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin. Wara xi ftit żmien joħroġ ma' din it-tfajla,

huwa mar jgħix magħha fid-dar, f'liema fond kienu jgħixu wkoll il-ġenituri tagħha, u ċioè: ADu AC.

ILLI f'dan il-post, kellu ċ-ċans jisma' lil omm it-tfajla u ċioè AD titkellem u tirrakonta dak li għaddiet minnu matul ħajjitha, u ma damx ma ntebaħ li ADkienet mara pjuttost vulnerabbli, fis-sens li hija persuna li faċilment tiġi manipulata u temmen dak kollu li jintqal lilha mingħajr ma tistaqsi jew tixtarr.

ILLI għalhekk, l-akkużat AA iddeċieda li jinbixha u jidħak xi daħka jew tnejn minn fuq darha. Meta kien ikun ġewwa r-residenza tagħha, fuq imsemmija, ġewwa Marsaskala, huwa kien jinħeba u jagħmel vuċi b'tonalita ħoxna u baxxa, jwaqqa' u jkisser affarijiet taparsi b'mod misterjuż, u jagħtiha qtajja liema bħalhom. Ruth, fil-vulnerabilità tagħha, kienet titwerwer u taħseb li din kienet xi vuċi u xi għemil ta' xi spirtu jew xitan.

ILLI wara l-akkużat AA iddeċieda li jagħti aktar sura lil din il-vuċi, u bl-ilsien Malti beda' jagħti l-ordnijiet lil ADbiex hija tagħmel jew ma tagħmilx xi affarijiet. Beda' jgħidilha biex ma tpejjipx u hija kienet titlaq is-sigarett minn idejha. Beda' jaħsadha meta tinżel minn fuq għax kien jipprepara minn qabel s-sigaretti weqfin wieħed wieħed fuq il-mejda biex hija taħseb li xi spirtu ħażin kien qed jgħaddilha xi messaġġ. Iktar ma kienet tistgħaġeb u titwerer, aktar kien jgħoxa u jgħarbel moħħu kif se jkompli jwessa l-konfini tal-qerq tiegħu.

ILLI meta l-akkużat AA kien iddomina tant lill-familja AF, u l-omm, ċioè Ruth, kull ma jmur bdiet issir aktar ansjuża, żewġha AC iddejjaq u telaq jgħix għand il-ġenituri tiegħu, fejn hemmhekk kienet diġa' tgħix bintu l-kbira, u ċioè AE.

ILLI meta AElaqgħet l-istedina mingħand oħtha AB biex tmur tara l-kelb li hija u l-ġuvni tagħha (u ċioè AA), kienu ġabu f'din id-dar, Marsaskala, ommha AD rrakontatilha minn xiex hija kienet għaddejja, għax xtaqet li ssib lil xi ħadd li jismagħha, jemminha u jikkonfortha.

ILLI f'dan il-mument AEbdiet ukoll tisma' ħsejjes t'affarijiet jinkisru ġejjin middirezzjoni fejn kien hemm l-akkużat AA però minn fejn kienet tinsab, hija ma setgħetx tarahom jitwaddbu. Hekk kif kienet qegħda f'dak il-post, f'dik l-atmosfera, affetwata minn dak li ommha kienet għadha kif qaltilha, AEwkoll ħassitha maħkuma mil-biża'. Riedet titlaq u toħroġ 'il barra minn dik id-dar, però meta ġriet lejn l-entratura, sabet il-bieb ta' barra msakkar u ċ-ċavetta ta' l-istess bieb ta' barra ma kienetx fis-serratura.

ILLI konxju mill-fatt li kien impossibli għal AEli toħroġ mid-dar imsemmija, u konxju tal-biża' li AEkellha fuqha, AA inħeba u għamel l-istess vuċi b'tonalita ħoxna u baxxa li biha kien werwer lil ommha. U hekk, AA ġiegħel lil AEtavża lin-nanniet tagħha li ma kienetx se tmur lura, biex ma tixrifx 'l barra mid-dar ta' Marsaskala, u biex hija u oħtha jinħaslu flimkien. Omm AEkienet tidher imbeżża' u fraġli u AEħassitha waħidha, esposta u vulnerabbli.

ILLI dakinhar l-akkużat AA u t-tfajla tiegħu AB servew kwantita' ta' inbid u whiskey lil ADu lil Daphne, u l-għada filgħodu AEstenbħet fi ħwejjeġ differenti u mingħajr ħwejjeġ ta' taħt fuqha. L-akkużat AA u AB qalulha li kienet irremettiet, u huma kienu neħħewlha ħwejjiġha, ħasluha, ħaslulha xagħarha u ddieħku biha.

ILLI fil-ġranet sussegwenti l-akkużat AA iddeċieda li jaċċentwa l-biża' u permezz ta' l-istess intriċċi, ta aktar ordnijiet lil AD u lil AE. Taħt il-mantra ta' spirtu, kien jiddeċiedi jekk l-ordnijet kienux ġew esegwiti kif ried, u wara bl-użu ta' pressjoni mhux kif imiss u b'qerq, kien jippenalizahom u jsawwathom fid-dlam bi frostin waqt il-ħin ta' l-irqad.

ILLI l-akkużat AA ma damx ma rrealiżża li ladarba kien stabilixxa din id-dominanza qarrieqa tiegħu fuq din il-familja vulnerabbli, huwa seta' juża dan il-fatt sabiex jissodisfa l-fantasiji sesswali tiegħu. Matul il-lejl kmanda lil AD u lil AE sabiex ineħħu ħwejjiġhom u jirrakontaw l-esperjenzi sesswali waqt li AEtimmasturba lilha nnfisha. Kmandahom biex jimteddu rashom l-isfel u jgħidu l-Att tal-Indiema waqt li tefalhom ilma kiesaħ silġ fuq darhom fil-bruda li x-xahar ta' Jannar iġib miegħu. Ordnalhom u bit-twerwir ġielhom, jagħmlu atti sesswali mhux kunsenswali, u ċioè biex joqgħodu bil-wieqfa mxarbin għasra, għarwenin u b'għajnejhom mogħttija, imissu u jerdaw sider xulxin. Dan kollu seħħ meta huwa kien fl-istess kamra mat-tfajla tiegħu minorenni AB, minn fejn hija setgħet tosserva u tisma' kollox.

ILLI taħt din il-pretiża manipulattiva, l-akkużat AA wasal biex saħansitra stupra lill-omm it-tfajla b'oġġett. Fil-fatt bit-tqanqil tal-biża' u bil-manipulazzjoni tal-ħsieb, ġiegħel lil AD isserraħ fuq id-desk tal-kamra ta' bintha, għarwiena u b'saqajha miftuħin. Ġiegħel lil AE żżommha milli tiċċaqlaq u f'dak il-mument, l-akkużat AA b'kattiverja u bi ħruxija daħħal lasta ta' xkupa fil-parti ġenitali ta' AD. Nonostanti, l-uġiegħ fiżiku u s-sofferenza li AD ħasset u li hija wriet bil-krib u l-biki tagħha, l-akkużat AA ma wera l-ebda sentiment ta' empatija lejha. Hekk, din il-mara sfat

stuprata b'oġġett, quddiem uliedha, b'mod mill-iktar umiljanti u degradanti, mill-ġuvni ta' bintha stess!

ILLI dan id-delitt magħmul minn AA wassal għal ħsara ħarxa psikoloġika għal AD, tant illi wara dan kollu AD belgħet diversi pillolli f'salt, biex tneħħi ruħha b'idejha.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat AA sar ħati ta' stupru aggravat, u ċioè talli fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali jiġifieri penetrazzjoni b'oġġett fuq persuna vulnerabbli, b'dan illi fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed [AE], bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi AA, ħati talli, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ikkommetta stupru aggravat, u ċioè talli ġewwa l-Gżejjer Maltin, mingħajr kunsens, ikkommetta konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra [AD], liema persuna hija vulnerabbli, b'dan illi fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat AA u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tnax (12) -il sena sa erbgħin (40) sena bir-reklużjoni, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 198(1)(3), 201(b), 202(d)(k), 208AĊ(2)(b)(ċ) u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra applikabbli li tista' skond il-Liġi tingħata fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat

**<u>FIT-TIENI KAP</u>**, illi fil-kuntest, tal-lok, iż-żmien, fatti u ċirkostanzi msemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, u ċioè fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin, l-akkużat AA ordna lil AD biex tinża' għarwiena u tibda taqbeż b'idejja 'l fuq. Meta kienet se tesegwixxi l-ordni, AD talbet l-akkużat AA biex ma jħarisx imma huwa weġibha li d-dimonju kien ordnalu biex iħares. Wara,

l-akkużat AA ordna lil AD biex iġġib xkupa u biex tpoġġi bil-qiegħda fuq id-desk fil-kamra ta' bintha għarwiena, b'saqajha miftuħin. L-akkużat AA Claude AF dar fuq AE, taha l-ixkupa, u ordnalha biex tippenetra lill-ommha bil-lasta ta' l-ixkupa fil-parti ġenitali tagħha. Qalilha wkoll li trid tagħmel moviment mgħaġġel sal-punt illi ommha tibda' twerżaq. Meta AEma bdietx timbotta l-lasta bis-saħħa kollha, l-akkużat AA indaħal biex ikompli hu jippentra lil AD u ordna lil AE sabiex iżżomm lill-ommha milli tiċċaqlaq.

ILLI l-akkużat AA instiga dawn l-episodji moqżieża sabiex iservu ta' spettaklu għalih. Dan għamlu a skapitu ta' persuni li minkejja li qatt ma taw il-kunsens espliċitu u liberu tagħhom għal dawn l-attivitajiet, kienu soġġettati għal imġieba ndiċenti, umiljanti u sesswalment degradanti. Esperjenzi li swewlhom qares u setgħaw swew il-ħajja ta' AD li hija persuna vulnerabbli. Filfatt, wara li għaddiet minn dan kollu AD belgħet ammont kbir ta' pilloli sabiex tkun tista' toħroġ minn tali ambjent.

ILLI l-akkużat AA b'qerq ħoloq ambjent konduċiv sabiex l-abitanti AD u AE jemmnu li ġewwa din ir-residenza kien hemm xi element supranaturali, liema qerq wassal lill-akkużat biex jikkommetti r-reati li jinsab akkużat bihom f'dan l-Att ta' l-Akkuża. Mentri fil-fatt tali element qatt ma kien eżista qabel ma' l-akkużat AA kien daħal jgħix fid-dar in kwistjoni, u dawn l-inċidenti strambi waqfu għal kollox meta l-akkużat AA waqaf jgħix f'din id-dar.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat AA sar ħati li bl-użu ta' forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mil-liberta', pressjoni mhux kif imiss jew xi mġieba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, ikkaġuna persuna oħra [AE] sabiex tikkometti xi atti mhux kunsenswali ma' kwalunkwe persuna oħra, u ċioè talli, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin, ikkaġuna persuna oħra [AE] sabiex tikkometti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali, b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali ta' ġisem ta' persuna oħra [AD] liema persuna hija vulnerabbli, b'dan illi fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed [AE], u dan bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi AA, ħati talli b'għemilu, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew

f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, f'Marsaskala, Malta, bl-użu ta' forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mil-liberta', pressjoni mhux kif imiss jew xi mġieba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, ikkaġuna persuna oħra [AE] sabiex tikkometti xi atti mhux kunsenswali ma' kwalunkwe persuna oħra, u ċioè konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali, b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali ta' ġisem ta' persuna oħra [AD], liema persuna hija vulnerabbli, b'dan illi fl-eżekuzzjoni tad-delitt ġie mgħejjun minn persuna waħda jew iżjed, u dan bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat AA u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tnax (12) -il sena sa erbgħin (40) sena bir-reklużjoni, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 198(1)(2)(3), 201(b), 202(d)(k), 208AĊ(2)(b)(ċ) u 533 tal-Kodici Kriminali, l-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra applikabbli li tista' skond il-Liġi tingħata fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat.

**<u>FIT-TIELET KAP</u>**, illi fil-kuntest, tal-lok, iż-żmien, fatti u ċirkostanzi msemmija fl-ewwel żewġ Kapi ta' dan l-Att tal-Akkuża, meta AE daħlet ġewwa d-dar Marsaskala, ommha AD rrakontatilha minn xiex kienet għaddejja, għax xtaqet li ssib lil xi ħadd li jismagħha, jemminha u jikkonfortha.

ILLI f'dan il-mument AEbdiet ukoll tisma' ħsejjes t'affarijiet jinkisru ġejjin mid-direzzjoni fejn kien hemm l-akkużat AA però minn fejn kienet tinsab, hija ma setgħetx tarahom jitwaddbu. Hekk kif kienet qedgħa f'dak il-post f'dik l-atmosfera, affetwata minn dak li ommha kienet għadha kif qaltilha, AEħassitha maħkuma mil-biża'. Riedet titlaq u toħroġ 'il barra minn dik id-dar, però meta ġriet lejn l-entratura, sabet il-bieb ta' barra msakkar u ċ-ċavetta ta' l-istess bieb ta' barra ma kienetx fis-serratura.

ILLI għaldaqstant AE u AD sabu ruħhom fl-impossibilita' li joħorġu mid-dar imsemmija. Sussegwentament, AA b'qerq u taħt il-mantra ta' spirtu, kmanda lil AD u lil AE sabiex ineħħu ħwejjiġhom u jirrakontaw l-esperjenzi sesswali waqt li AE timmasturba lilha nnfisha. Kmandahom biex jimteddu rashom l-isfel u jgħidu l-Att tal-Indiema waqt li tefalhom ilma kiesaħ silġ fuq darhom, fil-bruda li x-xahar ta' Jannar iġib miegħu. Ordnalhom u bit-twerwir ġielhom jagħmlu atti sesswali mhux kunsenswali, u ċioè biex joqgħodu bilwieqfa mxarbin għasra, għarwenin u b'għajnejhom mogħttija, imissu u jerdaw sider xulxin. Dan kollu seħħ

meta huwa kien fl-istess kamra mat-tfajla tiegħu AB li kienet minorenni, minn fejn AB setgħet tosserva u tisma' kollox.

ILLI inoltre meta AD riedet tmur għand il-psikologu Dr Giorgio sabiex tgħidlu dak kollu li kienet għaddejja minnu, l-akkużat AA u t-tfajla tiegħu AB qalulha biex ma tmurx għand il-psikologu u kmandaw lil AEbiex hija tibqa' magħha biex jaċċertaw li ADma tmurx. Din id-darba dawn l-ordnijiet ma ġewx direttament minn din il-vuċi li kienu lkoll ta' spiss jisimgħu. L-akkużat AA kien qalilhom li l-vuċi kienet kelmitu waħdu u għarfitu li trid hekk.

ILLI fl-isfond ta' dan kollu, l-akkużat AA irnexxielu jillimita l-moviment ta' AD u ta' AE fil-konfini stretti tal-fond, Marsaskala, u dana sabiex iġegħlhom jagħmlu jew joqgħodu għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħhom.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat AA sar ħati li kkometta arrest, detenzjoni, jew sekwestru aggravat kontra l-liġi u ċioè illi fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bla ordni skond il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm jew issekwestra lil AD u lil AE kontra l-volonta' tagħhom, jew ta l-post biex dawn il-persuni jiġi arrestati, miżmuma jew issekwestrati, bħala mezz biex huma jiġu mġiegħla jagħmlu atti jew joqgħodu għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħhom.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi AA, ħati talli b'għemilu, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u xxhur preċedenti, f'Marsaskala, Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna [AD u AE] kontra l-volonta' tagħha, jew jagħti l-post biex fih din il-persuna tiġi arrestata, miżmuma jew issekwestrata bħala mezz biex persuna tiġi mġiegħla tagħmel jew toqgħod għal xi ħaġa toffendi l-mistħija ta' dik il-persuna, u dan bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat AA u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sentejn (2) sa ħames (5) snin, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 86, 87(1)(g) u 533 tal-Kodici Kriminali, il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra applikabbli li tista' skond il-Liġi tingħata fis-sejbien ta' ħtija talakkużat.

**FIR-RABA' KAP**, illi fil-kuntest, tal-lok, iż-żmien, fatti u ċirkostanzi msemmija fil-Kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat AA permezz tal-vuċi qarrieqa li beda spiss juża, kmanda lil AE sabiex tibqa' fir-residenza ta' Marsaskala, żammha kontra l-volonta' tagħha u heddidha li jekk tipprova titlaq, kienu se jmutu n-nanniet tagħha. Dan it-theddid ikkawża biża' f'AE li se tintuża vjolenza kontriha jew il-propjeta' tal-axxendenti tagħha.

ILLI l-akkużat AA permezz tal-vuċi qarrieqa li beda spiss juża ordna lil AD sabiex titlob seba' mitt Ewro (€700) lill-konoxxent tagħha u widdibha li jekk ma tipprukrahomx, hija kienet se tissawwat matul il-lejl. Filfatt waqt li kienet minduda matul il-lejl l-akkużat AA ssawatha bi frostin. Il-flus kontanti sparrixew wara kwarta appena poġġiethom fuq l-ixkaffef ta' wara s-sodda, meta l-abitanti tad-dar biss kellhom aċċess għal dawn l-akkwati. AD ħassitha kostretta tmur tiġbed il-flus għax kienet mhedda mill-akkużat AA illi jekk ma tobdix, bintha ż-żgħira AB kienet se tisfa mingħajr swaba u b'għajnejja mifqugħin hekk kif il-vuċi kienet widdbitha! Dan it-theddid ikkawża biża' f'AD li se tintuża vjolenza kontriha jew fuq il-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mid-dixxendenti tagħha.

ILLI apparti dan, l-akkużat AA iddeċieda li jaċċentwa l-biża' u permezz ta' diversi intriċċi, ta ordnijiet lil AD u lil AE sabiex jagħmlu jew ma jagħmlux ċerti affarijiet. Taħt il-mantra ta' spirtu, kien jiddeċiedi jekk l-ordnijet kienux ġew esegwiti kif rid, u wara bl-użu ta' pressjoni mhux kif imiss u b'qerq, kien jippenalizżahom u jsawwathom fid-dlam bi frostin. Il-kastigi kienu jingħataw meta huma jkunu mindudin fuq is-sodda rashom l-isfel bil-lejl. Meta l-akkużat AA ħoloq din l-atmosfera ta' ordnijiet u kastigi, huwa ikkawża biża' f'AD u f'AE li kienet se tintuża vjolenza kontrihom.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat AA, sar ħati li kkawża biża' lill-oħrajn li se tintuża vjolenza kontrihom u ċioè illi fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess

dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, b'għemilu, l-akkużat AA kkaġuna biża' lil AD u lil AE li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuni jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, jew dixxendenti, meta huwa kien jaf jew imissu kien jaf illi din l-imġieba tikkaġuna biża'.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi AA, ħati talli b'għemilu, fid-disa' u għoxrin (29) jum taxxahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u xxhur preċedenti, f'Marsaskala, Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bl-imġieba tiegħu ikkaġuna lil ħaddieħor biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuni jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kapitolu 9, meta huwa kien jaf jew imissu kien jaf illi din l-imġieba se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor [AD u AE] li ser tintuża vjolenza kontrihom, u dan bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat AA u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn tmintax (18) -il xahar sa erba' (4) snin jew multa ta' mhux inqas minn erbat elef u sitt mija u tmienja u ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4658.75) u mhux iżjed minn ħdax -il elf u sitt mija u sitta u erbgħin Ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew dik il-multa u priġunerija flimkien skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 31, 251B(1)(2) u 533 tal-Kodici Kriminali, il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra applikabbli li tista' skond il-Liġi tingħata fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat

**IL-ĦAMES KAP**, illi f'Mejju tas-sena Elfejn u Tmintax (2018), l-akkużat AA beda' jiltaqa' ma' tfajla minorenni bl-isem ta' AB f'Marsaskala u fi nħawi oħra ġewwa l-Gżejjer Maltin.

ILLI AB twieldet fit-tmienja u għoxrin (28) t'Ottubru Elfejn u Tlieta (2003) u għaldaqstant f'Mejju tal-Elfejn u Tmintax (2018) hija kellha l-eta' ta' erbatax (14) -il sena.

ILLI wara xi ftit żmien joħroġ ma' din it-tfajla, fil-ġranet u x-xhur preċedenti għad-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena

Elfejn u Dsatax (2019), l-akkużat AA mar jgħix magħha fid-dar Marsaskala, u ċioè r-residenza tal-ġenituri tagħha.

ILLI l-akkużat AA kellu relazzjoni sesswali ma' AB, nonostanti l-fatt li hija kienet taħt l-eta'.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat AA sar ħati li pparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax (16) -il sena u ċioè illi fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, ġewwa l-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, l-akkużat AA ha sehem f'attivitajiet sesswali ma' minorenni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi AA, ħati talli b'għemilu, fid-disa' u għoxrin (29) jum tax-xahar ta' Jannar tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) u/jew f'xi żmien matul il-ġranet u x-xhur preċedenti, f'Marsaskala, Malta, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, kkometta r-reat ta' parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' ta' sittax (16) -il sena u ċioè ma' AB, u dan bi ksur tad-disposiżizzjonijiet tal-Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Konsegwentement, l-Avukat Ġenerali talab illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat AA u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa għoxrin (20) sena, skond dak li hemm u jintqal flartikoli 17, 18, 31, 204Ċ u 533 tal-Kodici Kriminali, il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra applikabbli li tista' skond il-Liġi tingħata fis-sejbien ta' ħtija tal-akkużat.

**2**. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Jannar 2023 li bis-saħħa tagħha filwaqt li sabet lill-akkuzat ħati tal-1, 2, 4 u l-5 Kapi tal-Akkuża, kkundannatu għal perjodu ta' għoxrin (20) sena priġunerija, ma sabitux ħati tat-3 Kap tal-Akkuza u lliberatu minnha. Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-akkużat sabiex iħallas l-ispejjeż tal-esperti nominati ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti rat illi dawn l-esperti kienu bżonnjużi sabiex il-prosekuzzjoni tipprova l-eżistenza tar-reati hekk kif

kontemplati fl-Att tal-Akkuża u għalhekk b'mod partikolari ordnat lill-akkużat iħallas is-somma ta' 1623.33 Euro rappreżentanti spejjeż li ġew imħallsa lill-perit Nicholas Mallia in konnessjoni mal-inkarigu tiegħu (fol. 144); is-somma ta' 121.11 Euro rappreżentanti spejjeż li gew imħallsa lil Dr Katya Vassallo għall-inkarigu tagħha (fol. 223); is-somma ta' 2066.67 Euro li ġew imħallsa lil Dr Stephen Farrugia għall-inkarigu tieghu (fol. 265); is-somma ta' 240.78 Euro rappreżentanti spejjeż li gew imħallsa lill-Dr Katya Vassallo għall-inkarigu tagħha (fol. 396 tergo); is-somma 96.22 Euro rappreżentanti spejjeż li ġew imħallsa lill-Dr Katya Vassallo għall-inkarigu tagħha (fol. 466); is-somma ta' 443.71 Euro rappreżentanti spejjeż li ġew imħallsa lill-WPC 369 Stephanie Cassar għall-inkarigu 105 tagħha (fol. 719); is-somma ta' 451.70 Euro rappreżentanti spejjeż li ġew imħallsa lil Dr Stephen Farrugia Sacco għall-inkarigu tiegħu (fol. 815); u is-somma ta' 2676.24 Euro lill-Dr Marisa Cassar għall-inkarigu tagħha (fol. 801), b'kollox għalhekk l-akkuzat għandu jħallas is-somma ta' sebat elef, seba' mija, disgħa u erbgħin euro u wieħed u erbgin ċentezmi tal-euro (7,749.41Euro). Il-Qorti ordnat d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem u l-konnotati tal-vittmi u tal-akkużat stante li kien għarus mal-vittma u għalhekk il-vittmi jistgħu jiġu identifikati f'kull mezz tax-xandir. Il-Qorti ordnat wkoll il-ħruġ ta' *protection order* għall-perjodu ta' tlett snin mil-lum ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, taħt penali ta' elfejn euro fin-nuqqas li tiġi segwita fil-konfront ta' Ruth, AEu AB, lkoll AF. Ordnat illi l-oġġetti kollha esebiti għandhom jiġu kkonfiskati u distrutti mir-registratur ta' din il-Qorti fi żmien ħmistax (15)-il jum mill-lum salv jekk mhux rikjesti għal xi nvestigazzjoni jew proċedura oħra pendenti. Il-Qorti, wara li rat il-Kap. 518 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-akkużat jitniżżel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Registratur.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-akkużat AA ippreżentat fil-31 ta' Jannar 2023 fejn talab lil din il-Qorti:

i. tiddikjara lill-akkużat mhux ħati tal-1, 2, 4 u l-5 Kapi tal-Akkuża, u tirrevoka l-kundanna ta' ħabs għall-perijodu ta' għoxrin sena priġunerija.
ii. tikkonferma l-liberatorja mit-tielet kap tal-akkuża.
iii. tordna ir-revoka tal-ħlas tas-sommom kollha rappreżentanti ħlas tal-ispejjeż peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
iv. tikkonferma d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem u l-konnotati tal-vittmi u tal-akkużat.
v. tirrevoka l-ordni sabiex ir-reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali jniżżel l-akkużat fuq ir-Reġistru ndikat fl-imsemmi Kap.518 tal-Liġijiet ta' Malta.
vi. Mingħajr preġudizzju, alternattivament f'każ ta' konferma ta' ħtija, tirriforma l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliġġi piena aktar idonea skond iċ-ċirkostanzi tal-każ.

**4**. Rat ir-risposta ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentata fl-1 ta' Marzu 2023 fejn talbet illi l-appell tal-akkużat AA ikun miċħud u ikkonfermata s-sejbien ta' ħtija u s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

5. Rat l-atti kollha tal-kawża, inklużi l-atti kumpilatorji.

**6**. Semghet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**7**. Illi l-appell intentat mill-akkużat idur essenzjalment madwar l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti fejn jisħaq illi fil-fehma tiegħu l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-allegati vittmi ADu AE, kif ukoll mill-minuri AB qatt ma kellha tingħata affidament, abbinat mal-fatt illi ma kienx hemm biżżejjed prova fl-atti li kienu joħolqu ness bejn l-attivita' sesswali u devjanti li kienet qed issir fir-residenza ta' AF, fejn f'dak iż-żmien huwa kien jirrisjedi, u l-presenza tiegħu fil-lok fejn allegatament seħħew ir-reati lilu addebitati. Jikkontendi illi l-allegata vittma, AD, kienet persuna li għal snin twal

kienet tipprattika l-okkult u anke kienet miġbuda lejn ir-riti sataniċi tant illi l-vuċijiet li hija tgħid li bdew jinstemgħu u li ġiegħluha tikkometti d-deprivazzjonijiet mertu ta' dawn il-proċeduri kienu diġa' qed jippersegwietawha żmien qabel huwa beda r-relazzjoni ma' bintha minuri AB, u li allura ma setgħux kienu attribwibbli għal presenza tiegħu fid-dar fejn huwa kien qed jiġi ospitat mal-familja AF. Mill-mod kif l-aggravji huma ppostulati jidher illi l-appellant qiegħed jikkritika s-sentenza appellata meta din tat affidament lil verżjoni tal-fatti tal-allegati vittmi ADu AE, għal diversi motivi kif elenkati fir-rikors tal-appell. Jikkritika ukoll il-verżjoni mogħtija mill-ex tfajla tiegħu AB li għoġobha tbiddel il-verżjoni tagħha tal-fatti u dan wara li ammettiet li kienet xehdet il-falz meta tat l-ewwel verżjoni tagħha quddiem il-Qorti Istruttorja, u għal dan il-fatt ġiet issentenzjata. Illi allura din il-Qorti qed tiġi msejjħa sabiex mill-ġdid tiżen il-kredibbilita' tal-verżjonijiet mogħtija mill-atturi prinċipali f'din il-viċenda kriminali ta' allegat abbuż ta' natura sesswali fl-agħar forma tiegħu u ċioe' fejn ġie kommess stupru aggravat, skont l-Att ta'l-Akkuża, f'xenarju iddominat mill-okkult li jidher li kien jiġi ipprattikat fir-residenza fejn seħħew l-atti inkriminatorji. Abbinat ma' dan, l-appellant jikkritika ukoll l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni tal-Pulizija fejn, fil-fehma tiegħu ma inġabritx evidenza li setgħet kienet determinanti għal każ, kif ukoll għaliex il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq diversi xhieda li setgħu javvallaw it-teżi tiegħu.

**8.** Illi jiġi ribadit, kif dejjem affermat fid-dottrina u l-ġurisprudenza in materja illi din il-Qorti ta' reviżjoni ma tiddisturbax leġġerment l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret minn min ikun iġġudika l-fatti:

> **'Hawn naturalment qeghdin fil-kamp ta' l-apprezzament tal-provi. Issa, din il-Qorti hi Qorti ta' reviżjoni u, in eżekuzzjoni ta' din il-funzjoni tagħha, hi eżaminat dettaljatament l-atti proċesswali, id-dokumenti esibiti u l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, u dan biex tara jekk a bażi tal-provi li kien hemm f'dawn il-proċeduri, il-ġurati, ben indirizzati mill-Imħallef, setgħux leġittimament u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li fil-fatt waslu għaliha dwar il-ħtija ta' l-appellant**

**ta' l-akkuża miġjuba kontra tiegħu fl-att ta' akkuża skond il-verdett minnhom mogħti. Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li tagħmel din il-Qorti hi tasal għal xi konklużjoni diversa minn dik milħuqa mill-ġurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni eżerċitata mill-ġurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'tagħha kemm-il darba jkun evidenti għaliha li l-ġurati ma kinux għamlu apprezzament manifestament ħażin tal-provi, u setgħu, għalhekk, leġittimament u raġonevolment jaslu għall-konklużjoni li jkunu waslu għaliha in bażi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem ingħad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-liġi tirriżerva għall-ġurati ħlief meta l-verdett minnhom milħuq ikun manifestament żbaljat fis-sens li ebda ġurija ma setgħet leġittimament u raġonevolment tasal għalih. Jiġifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta għal dak kollu li jirrizulta mill-proċess b'mod illi ma hemmx mod ieħor ħlief li l-verdett milħuq jiġi eskluż bħala infondat'**[1].

**9**. Illi dan qed jingħad ukoll fid-dawl tad-dettami tal-artikolu 467 tal-Kodiċi Kriminali fejn f'dan il-każ il-Qorti Kriminali kellha l-vantaġġ fuq din il-Qorti li mhux tisma' biss il-provi, iżda li tevalwa l-imġieba u l-komportament tax-xhieda li ddeponew quddiemha.

**10.** Illi sabiex jiġu indirizzati l-aggravji mqanqla mil-appellant, li kif ingħad huma kollha diretti lejn l-apprezzament li għamlet il-Qorti Kriminali fil-ġuri, li kien iċċleberat mingħajr ġurija, l-Qorti eżaminat neċessarjament mhux biss il-provi li tressqu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, iżda ukoll l-atti kumpilatorji bil-għan li jkun mistħarreġ il-verosimiljanza tax-xhieda li ddeponew fil-każ. Illi minn eżami tal-atti, kemm dawk kumpilatorji, kif ukoll dawk miġbura quddiem il-Qorti Kriminali jirriżulta illi huwa minnu dak li jikkontendi l-appellant illi fir-residenza AF kien hemm ġibda lejn l-okkult. AD hija mara li mhux biss hija

---

[1] Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008. Ara, ukoll fost ohrajn, Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989.

afflitta minn problemi ta' natura mentali[2], tant illi f'iktar minn okkazzjoni waħda ippruvat tneħħi ħajjitha b'idejha u spiċċat rikoverata l-isptar Monte Karmeli, iżda ukoll hija mara miġbuda lejn il-prattiċi ferm perikolużi marbuta mal-okkult u s-sopranaturali, il-maġija, u anke ma' dawk sataniċi. Tirrakkonta episodji strambi li seħħew fid-dar tagħha bħal oġġetti jiċċaqalqu waħedhom minn posthom jew jaqgħu u jinkisru mingħajr ma jintmessew, smigħ ta' vuċijiet u anke viżjonijiet ta' spirti. Iżżomm fil-pussess tagħha diversi oġġetti marbuta ma' dawn il-prattiċi sopranaturali bħala *ouija board, dancing rods* u anke pupi tal-okkult. Meta l-appellant jibda jiffrekwenta lil bint AD, AB, li kienet għada tfajla taħt l-eta'[3], huwa kien introdott għal dan l-ambjent marbut mal-makabru.  L-appellant jibda jirrisjedi f'din ir-residenza. F'dak iż-żmien jirrisjedu f'din id-dar kien hemm AB, li kienet it-tfajla tiegħu, kif ukoll il-ġenituri tagħha ADu AC. Binthom maġġorenni AE kienet telqgħet mid-dar u marret tgħix man-nanniet paterni billi kien hemm xi diżgwid ma' ommha. Jidher illi f'dan iż-żmien AD, kif ingħad, kienet diġa' miġbuda lejn l-okkult u lejn il-makabrita'. Kienet tbati mid-dipressjoni u anke għamilt xi żmien rikoverata ġewwa l-isptar mentali għal kura fejn hemm kienet iltaqgħet ma' pażjent ieħor li sar ħabiba tagħha ċertu Giovanni Cilia, li flimkien ma' żewġha AC, qatt ma jinġieb biex jixhed mill-Prosekuzzjoni. Wara li l-appellant jibda jirrisjedi mal-familja AF jibdew sensiela ta' episodji 'strambi', fosthom iċ-ċaqliq ta' oġġetti u fuq kollox is-smigħ ta' vuċijiet li jibdew jikkmandaw lir-residenti dak li għandhom jagħmlu. Fil-fatt fuq kmand tal-'vuċi', ftit taż-żmien wara li l-appellant jidħol f'din ir-residenza, il-missier jitlaq mid-dar u jmur jabita mal-ġenituri tiegħu wkoll għax jibda jibża' minn dawn l-episodji. F'dan il-perijodu wkoll iseħħ episodju meta 'il-vuċi' iġġiegħel lil AE titlaq mir-residenza fejn kienet tgħix man-nanniet tagħha u tirritorna tgħix ma' ommha. Tiġi mħajra iżżur id-dar ta' ommha meta l-appellant jakkwista xi griewi, li huwa jixtri bil-flus li jġiegħel lil ADtgħaddielu. Flimkien ma' dawn il-ġriewi jakkwista

[2] Fiż-żmien indikat fl-att ta'l-akkuża kienet afflitta minn borderline personality disorder
[3] F'dak iż-żmien kellha erbatax-il sena

ukoll frosta, li aktar tard tintuża biex ir-residenti tad-dar (għajr għal AB) jiġu msawwta. Meta tasal fid-dar ta' ommha 'il-vuċi' tikkamanda lil AE sabiex tibqa' hemm u tiġi impeduta milli toħroġ mid-dar. Din it-tfajla tgħid li tiġi mhedda li jekk tirritorna lura għand in-nanniet tagħha, dawn kien ser jiġrilhom xi ħsara. Din il-'vuċi', r-residenti tad-dar jassoċċjawha ma' dik ta' spirtu sataniku.

**11**. Minn hemm 'il quddiem jibdew sensiela ta' atti impudiċi w ukoll ta' vjolenza li allegatament huma ordnati mill-vuċi satanika. L-atti inkriminatorji jseħħu mal-lejl fejn l-appellant kien jorqod flimkien ma' dawn it-tlett nisa, b' AB u hu jorqdu f'sodda waħda tal-wieħed, filwaqt li l-omm, AD, u bintha l-oħra AEjorqdu fis-sodda l-oħra, liema sodod huma magħquda flimkien. Jidher illi dawn l-ordnijiet jingħataw biss lil ADu AE, bil-minuri AB qatt ma tkun imġiegħla twettaq ebda mill-atti mpudiċi li wara l-appellant jiġi akkużat li kkometta. Dawn jinkludu rakkonti ta' esperjenzi sesswali bejn in-n-nisa, tokkamenti intimi fuq xulxin, masturbazzjoni u swat permezz ta' frosta filwaqt li dawn ikunu mingħajr ħwejjeġ, b'episodju minnhom jirrakkontaw li kienu mixħuta għera fl-art igħidu l-att ta'l-indiema fejn jintefa' fuqhom ilma kiesaħ u jkunu ordnati jorqdu imxarbin b'fann fuqhom. Dan kollu jseħħ fil-presenza tal-appellant u ta' AB. Rigward l-episodju meta kien kommess l-allegat stupru, jidher illi dan seħħ ukoll fuq ordni minn din 'il-vuċi' lil AD u AE fejn din ta'l-aħħar tiġi ordnata tippenetra lil ommha fl-orefiċi intimi tagħha filwaqt li kienet mixħuta għera b'saqajha miftuħa fuq l-iskrivanija li hemm fil-kamra tas-sodda, u dan permezz ta' lasta ta' xkupa. Skont il-verżjoni tal-fatti ta' dawn it-tlett nisa, meta AEma jirnexxielhiex tkompli b'dan l-egħmil żieni, l-appellant jaħtaf din il-lasta minn idejha u jippenetra lil AD bil-forza u bil-vjolenza kemm fl-orefiċi vaġinali kif ukoll f'dak anali, tant illi din tibda twerżaq bl-uġigħ u tgħidlu biex jieqaf, iżda hu jkompli għaddejj b'dan l-egħmil żieni għaliex igħidilha li ma jistax jieqaf għax il-vuċi ta'l-ispirtu qed tordnalu jagħmel dan. Minn dawn l-atti impudiċi l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellant bir-reat ta'l-istupru kif imfassal fl-

Ewwel Kap ta'l-Att ta'l-Akkuża, kif ukoll bir-reat fejn persuna tkun imġiegħla tikkometti stupru fuq il-vittma, sekwestru tal-persuna (minn dan il-Kap tal-akkuża l-appellant jiġi lliberat), kif ukoll bir-reat imfassal fl-artikolu 251B u dak imħaddan fl-artikolu 204C tal-Kodiċi Kriminali.

**12**. AD tispiċċa trawmatiżżata b'dawn l-avvenimenti u tipprova tneħħi ħajjitha b'idejha tant illi tispiċċa rikoverata l-isptar Monte Karmeli. Billi AE tinduna li l-vuċi li kienet qed tikkmandahom jagħmlu dawn l-atti impudiċi kienet tal-appellant hija tfittex l-għajnuna u l-każ jispiċċa f'idejn il-pulizija, għall-ewwel bħala każ ta' vjolenza domestika kaġun tal-abbuż fiżiku u psikoloġiku li dawn in-nisa kienu qed isofru allegatament minn taħt idejn l-appellant, u finalment meta jkun irrakkontat lil pulizija l-estent ta' dan l-abbuż, l-appellant jiġi mixli bir-reati lilu addebitati llum fl-att ta'l-akkuża. L-appellant jiġi interrogat f'iktar minn okkażżjoni waħda fejn hemm tinsab l-unika verżjoni tal-fatti mogħtija minnu, billi kif kellu kull dritt illi jagħmel l-appellant jagħżel li ma jiddeponiex fil-ġuri. L-appellant jiċħad dak kollu allegat fil-konfront tiegħu u għalkemm jammetti illi r-residenza AF kienet tinsab taħt is-sħaba tal-okkult, madanakollu jiċħad illi kien hu li wettaq dan l-abbuż fil-konfront ta' dawn iż-żewġ nisa u jisħaq illi hu kien vittma wkoll ta' dan l-ambjent makabru tant illi spiċċa ibati minn problemi hu wkoll kif rifless fil-messaġġi li kien bagħat lil kowċ tal-futbol tiegħu.

**13**. Issa l-verżjoni tal-fatti tal-appellant tinsab fl-istqarrija minnu rilaxxata lil pulizija[4] fejn huwa jiċħad li kien qed jippersonifika din il-vuci satanika u iġiegħel lil membri ta' din il-familja jagħmlu dawn l-atti impudiċi u ta' vjolenza fil-konfront ta' xulxin. Anzi jikkontendi illi anke hu kien vittma ta' din il-'vuċi' u kien jispiċċa ukoll msawwat u jissawwat kif ukoll jirrakonta episodju meta igħid illi ħass li xi ħadd jiġbdu minn saqajh sabiex iwaqqgħu it-taraġ, u anke

[4] Volume 1 tal-atti kumpilatorji fol.153 et seq

okkazzjonijiet fejn kienu jitwaddbu oġġetti fid-direzzjoni tiegħu. Għalhekk isostni illi ma jistax ikun stabbilit ness bejnu u l-egħmil żieni u ta' vjolenza li kien qed ikun kommess ġewwa id-dar, billi dawn l-episodji kienu diġa' iseħħu qabel il-wasla tiegħu fuq ix-xena, u meta beda joqgħod fid-dar tal-allegati vittmi huwa spiċċa vittma wkoll. Fil-fehma tiegħu huwa inverosimili allura dak li jikkontendu AEu AB illi l-vuċi tal-ispirtu sataniku kienet qed issir minnu, meta din il-vuċi kienet tinstema' anke meta ma kienx ikun hemm.

**14.** Issa immaterjalment mill-illużjonijiet li kienu igħixu fihom il-familja AF, x'aktarx imsaħħa mill-ġibda li kellha l-omm AD lejn l-okkult, l-Qorti trid tara unikament jekk l-att materjali u konsumatur tar-reat jistax ikun addebbitat lill-appellant u ċioe' jekk kienx hu li kkometta l-att materjali marbut b'mod ewlieni mar-reati tal-istupru u r-reati l-oħra li dwarhom huwa kien misjub ħati u ċioe' dawk imfassal fl-artikoli 204C, 251B u 198(2) tal-Kodiċi Kriminali. Dak li jrid ikun stabbilit huwa jekk hemmx ness bejn dawn l-atti impudiċi u l-persuna tal-appellant. Illi l-Qorti Kriminali għamlet dan l-eżerċizzju u sabet illi l-appellant ma setax jaħrab mir-responsabbilta' penali għar-reati li dwarhom hu kien mixli u dan għaliex tat affidament lil verżjoni tal-fatti tal-allegati vittmi u skartat dik il-verżjoni mogħtija mill-appellant fl-istqarrija tiegħu.

**15**. Illi l-appellant jinsab mixli b'mod ewlieni fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża bir-reat tal-istupru aggravat. Illi sabiex jissussisti r-reat tal-istupru bħal kull reat ieħor jeħtieġ il-presenza ta' l-element kemm materjali kif ukoll formali, bl-att materjali allura jkun il-konġunġiment karnali kontra il-volonta' tal-vittma. Illi maż-żmien, b'mod ewlieni permezz ta'l-Att XIII of 2018, dan il-konġunġiment karnali ngħata tifsira aktar wiesgħa minn dik tradizzjonali sabiex b'hekk illum din tinkludi l-iċken bidu ta' konnessjoni karnali bl-inseriment forzat permezz ta' organu sesswali f'waħda mit-tlett orefiċi intimi tal-persuna – u cioè il-ħalq, il-vaġina u l-anus, kif ukoll dik il-penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura

sesswali permezz ta' xi oġġett, u dan kemm bejn nies tas-sess oppost, kif ukoll bejn dawk tal-istess sess[5].

**16**. Issa f'dan il-każ taħt il-lenti tal-Qorti l-att materjali li wassal għal kummissjoni tar-reat seħħ permezz ta' oġġett (lasta ta' xkupa) allegatament inserit forżatament fl-orefiċi intimi tal-vittma AD mill-appellant u dan kontra l-volonta' tagħha. L-appellant iqies illi l-Ewwel Qorti malament sabitu ħati ta' dan ir-reat, kif ukoll tar-reati imħaddna fit-tieni, r-raba' u l-ħames Kapi tal-Akkuża, mhux biss għaliex fl-ewwel lok huwa ma kienx involut fil-kummissjoni ta'l-istess, iżda ukoll għaliex jikkontendi illi mhuwiex minnu li ma kienx hemm il-kunsens tal-vittma li kienet mhux biss mara promiskwa, iżda ukoll għaliex dawn l-atti impudiċi kienu jseħħu minn żmien qabel ma wasal hu fix-xena fi ħdan il-familja AF.

**17.** Illi huwa fatt inkontestat illi l-allegata vittma AD kienet assoġġettata għall att sesswali bl-użu ta' oġġett li ppenetraha fl-orefiċi ntimi tagħha kemm dak vaġinali kif ukoll anali, u dan mingħajr il-kunsens tagħha. Issa l-kunsens għandu jkun dejjem kkomunikat lil persuna l-oħra, irid ikun kontinwu u reċiproku. Dan ifisser li l-kunsens jinkiseb permezz ta' kliem jew azzjonijiet li juru ftehim attiv, konxju u volontarju biex wieħed jidħol f'attività sesswali miftiehma b'mod reċiproku. Hija r-responsabbiltà tal-inizjatur, jew tal-persuna li trid tidħol fl-

[5] 198. (1) Kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti konġunġiment karnali, jiġifieri penetrazzjoni vaġinali jew anali ta' natura sesswali b'xi parti tal-ġisem u, jew oġġett, jew penetrazzjoni orali b'organu sesswali, ta' ġisem ta' persuna oħra, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena:
Iżda penetrazzjoni bi kwalunkwe parti tal-ġisem u, jew oġġett għandha titqies kompluta hekk kif jinbeda l-konġunġiment karnali, u mhuwiex neċessarju li jinġiebu provi ta' atti ulterjuri.
(2) Kull min, bl-użu tal-forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mil-libertà, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid ta'aġir bħal dan, jikkaġuna persuna oħra sabiex tikkommetti xi atti mhux kunsenswali msemmija fis-subartikolu preċedenti ma' kwalunkwe persuna oħra jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena.
(3) L-atti msemmija fis-subartikolu (1) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni tal-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn.

attività sesswali speċifika li tiżgura li huwa/hija jkollu/ha dan il-kunsens kif definit. Il-kunsens ma jistax jinkiseb bil-forza, jew billi s-suġġett attiv jinjora jew jaġixxi mingħajr ma jiġu kkunsidrati l-oġġezzjonijiet tas-suġġett passiv, jew billi jittieħed vantaġġ mill-inkapaċità ta' ħaddieħor, u dan f'dawk is-sitwazzjonijiet fejn l-awtur tar-reat għandu jkun jaf, jew raġonevolment kellu jkun jaf b'tali inkapaċità. Il-kunsens huwa wkoll assenti meta l-attività in kwistjoni tmur lil hinn minn dak il-kunsens inizjali, jew meta l-persuna li minn għandha jintalab il-kunsens titqies inkapaċi li tagħti l-kunsens. *Di piu* persuna dejjem għandha d-dritt li tirrevoka l-kunsens fi kwalunkwe ħin waqt l-att sesswali. Kif ukoll il-kunsens għal att wieħed ma jikkostitwixxi ebda kunsens għal att ieħor. Kif lanqas il-kunsens f'okkażjoni preċedenti ma jikkostitwixxi kunsens f'okkażjoni sussegwenti. Is-skiet, in-nuqqas ta' reżistenza, jew in-nuqqas li tgħid "le" ma jimplikawx kunsens. Fil-fatt kemm l-artikolu 198(3) kif ukoll l-artikolu 201 tal-Kodiċi Kriminali jispeċifikaw dawk iċ-ċirkostanzi fejn għandu jkun hemm il-presunzjoni li l-kunsens ma jkunx ingħata mill-vittma meta fl-artikolu 198(3) hemm dispost:

> **(3) L-atti msemmija fis-subartikolu (1) u (1A) għandhom jitqiesu li seħħew mingħajr kunsens sakemm tali kunsens ma kienx mogħti volontarjament, b'riżultat tal-volontà libera tal-persuna, evalwati fil-kuntest taċ-ċirkostanzi tal-każ u l-istat tal-persuna fiż-żmien tar-reat, b'konsiderazzjoni tal-istat emozzjonali u psikoloġiku tal-persuna, fost konsiderazzjonijiet oħrajn.**

U l-artikolu 201 iqies illi:

> **L-istupru u kull attentat ieħor għall-pudur jitqies dejjem li sar mingħajr kunsens:**
> **(b) meta l-persuna li fuqha jsir l-abbuż ma tkunx tista' tirreżisti minħabba marda tal-ġisem jew tal-moħħ jew għal raġuni oħra indipendenti mill-egħmil tal-ħati, <u>inkella minħabba l-mezzi qarrieqa li l-ħati jkun inqeda bihom.</u>**

**18**. Illi l-Qorti fissret dak li jikkostitwixxi l-kunsens, jew aħjar in-nuqqas tiegħu, bħala wieħed mill-elementi meħtieġa sabiex ir-reita' tissussisti, għaliex l-

appellant jimplika illi l-allegata vittma AD tat il-kunsens tagħha għall-att sesswali u dan għaliex din ma kenitx l-ewwel darba li kkomettiet atti simili u wkoll għaliex kienet hi stess li ipprokurat l-oġġett li permezz tiegħu l-att materjali tar-reat ġie ikkunsmat.

**19.** Il-Qorti Kriminali iddeċidiet hekk fuq din l-akkuża:

> **"Il-Qorti ezaminat il-provi bir-reqqa fir-rigward ta' din l-akkuza u jirrizulta bic-car li f'jum partikolari bejn l-20 ta' Dicembru, 2018 u 28 ta' Jannar, 2019, ADsfat vittma ta' penetrazzjoni vaginali u anali li sehh permezz ta' lasta ta' xkupa. F'dan l-incident jidher li kienu prezenti l-akkuzat u l-gharusa tieghu u ohtha AEu li dan l-incident sehh fil-kamra tas-sodda ta' AB. Il-prosekuzzjoni allegat illi din il-penetrazzjoni sehhet minn l-akkuzat u dan wara li AEkienet ippenetrat il-vagina t'ommha permezz ta' lasta tal-ixkupa. Jirrizulta li dakinhar AEma felhitx iddahhal hafna mil-lasta in kwistjoni u ghalhekk wara li bdiet tippenetra lil ommha, l-akkuzat qabad il-lasta u beda jippenetraha b'sahha skond kif tghid Daphne, mhux talli hekk illi waqt dan l-att AEtghid ukoll illi ommha bdiet twerzaq bl-ugigh u ma felhitx aktar. Dan l-istat ta' fatt hu kkonfermat minn ADstess kif ukoll minn AB quddiem din l-istess Qorti."**

**20.** Illi huwa paċifiku illi l-allegat stupru seħħ fil-kamra tas-sodda tal-minuri AB, u li f'din il-kamra f'dak il-ħin kien hemm preżenti l-imsemmija minuri, kif ukoll l-omm AD, l-allegata vittma, bintha AE u l-appellant AA. Illi l-verżjoni tal-fatti rakkontati mit-tlett nisa waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri hija kważi identika.

**21**. AE tirrakonta:

> **"... Ommi kienet qed tgorr pero' qisha kienet taf x'kien qed jiġri. U gejt ordnata sabiex inpoggi il-lasta ta'l-ixkupa fil-parti genitali ta' quddiem ta' ommi, u ordnali sabiex incaqlaq din il-lasta. Jien kont qed nirrifjuta li naghmel dan u kont sejra incaqlaq il-lasta bil-mod. Huwa ried li jiena inħaffef il-pass u dan sakemm tibda tgħajjat bl-uġiegh. F'dan il-mument kemm ohti u kif ukoll AA kienu bilqieghda fis-sodda iħarsu, waqt li AA kien qed jaghti l-ordnijiet li kien qed jircievi allegatament mid-dimonju. AA qisu deher li kien irritat bil-fatt li kont qed naghmel jien, u ghalhekk hataf il-lasta minn idejja u beda jaghmel l-istess movimenti fil-konfront ta' ommi b'mod aggressiv. U nghid li ommi bdiet tghajjat bl-ugiegh. ... Nghid li ommi kienet qed tgorr il-hin kollu.**

**Anke fil-fatt qabel ma beda, pero' naf li AA baqa' jghid biex tissaporti u li effettivament kienet diga ghaddiet minn tali esperjenza."**

**22**. AD tixhed u tgħid:

**"... jien kont gharwiena, lil AEkien qalilha tilbes, jien kont gharwiena. U lili kmandani biex noqghod fuq id-desk b'saqajja miftuhin. U l-lehen ordna lil AE biex taqbad bl-ixkupa u ddahalha fil-parti tieghi. AEqabditha imma minnufih qalet, no, I can't. U dak il-hin iqum AA, qal ha naghmilha jien, b'lehnu jigifieri. U beda jdahhal l-ixkupa imma bis-sahha li bdejt nghajjat jien bl-ugiegh. ... bdejt nghajjat biex jieqaf. Imma beda ighid lil AE biex izzommni. Ma stajtx niccaqlaq. Umbaghad qalli biex indur u jaghmilli l-ixkupa minn wara, u vera vera ma flahtx. .... Dort, ghamilhieli, imma tant werzaqt bl-ugiegh, ma nafx kif umbaghad waqaf. Qal biżżejjed ghallum."**

**23**. AB li kienet xhud okulari ta' dan l-inċident tixhed hekk:

**"U l-lehen kien qal lil ommi biex tinza' l-hwejjeg u tmur fuq id-desk tieghi. Umbaghad kien qalilha biex tinzel iggib l-ixkupa u l-lehen kien qal lil ohti biex taghmel l-ixkupa lil ommi. ... Umbaghad ohti ma riedetx, u AA kien qabez u qallha inkompli jiena mela. U hu kompla fuq ommi. U bdiet twegga' u baqa' sejjer biss-ahha. Umbaghad wara nahseb damet xi ten to fifteen minutes din il-ħaga, ghamilha anke minn naħa ta' wara, mhux minn quddiem biss, umbaghad kien qal biex ninzlu isfel."**

**24.** Illi l-appellant fl-istqarrija tiegħu għalkemm jammetti li kien fil-kamra man-nisa meta seħħ dan l-avveniment żieni, madanakollu jikkontendi illi fil-ħin kollu huwa kien mixhut fuq is-sodda, b'rasu taħt l-imħadda u għalhekk ma seta' jara xejn. Illi din il-verżjoni tal-fatti tiegħu hija għal kollox inverosimili. Ibda biex minħabba l-avvenimenti li kienu qed jiġru ġewwa id-dar fejn kienu jirrisjedu dawn in-nies, huwa indubitat illi l-volonta' libera tal-allegata vittma kienet kompromessa. Dan qed jingħad ukoll fid-dawl tal-istorja ta' problemi mentali li hija kienet afflitta minnhom għal diversi snin, kif jixhed il-*file* mediku eżebit fl-atti, kif ukoll mill-fatt illi, kif ingħad, hija kienet għal kollox maħkuma minn ideat marbuta mal-paranormali u s-sopranaturali. Illi allura meta AD tiġi ordnata tassoġġetta ruħha għal dan l-att sesswali abbużiv u vjolenti hija ċertament ma

kenitx f'posizzjoni tiddelibera b'mod razzjonali u liberu dwar l-għażla li kienet ser tagħmel. Fil-fatt l-evidenza kollha tindika illi l-abitanti tad-dar, b'mod speċjali ADu AE kienu joqgħodu għad-diversi ordnijiet li jgħidu kienu qed jirċevu minn għand dak li dehrilhom f'dak iż-żmien turbolenti li kien xi vuċi ta' spirtu sataniku, kienu maħkuma kompletament minn dan l-ambjent makabru u kienu mhedda u mbeżża' tant illi anke kienu jiġu imsawwta. Illi magħdud ma' dan, imbagħad, dak il-ħin f'din ir-residenza ma kien hemm ħadd ħlief l-appellant u dawn it-tlett nisa, bil-'vuċi' li dawn igħidu lil kienet qed tinstema' tagħti l-ordnijiet kienet vuċi maskili. Issa l-appellant ma jikkontestax illi fil-fatt kien jinstema' dan il-'vuċi', iżda donnu jrid lil Qorti temmen illi dan kien jappartjeni lil xi spirtu. Fatt illi jżid mal-inverosimiljanza tal-verżjoni tiegħu.

**25**. L-appellant ma jinnegax illi dan l-episodju seħħ, ma jinnegax lanqas illi huwa kien qed igħix fir-residenza tal-familja AF u baqa' igħix f'din ir-residenza għalkemm jallega illi huwa kien maħkum ukoll minn din il-vuċi satanika u kien jispiċċa imsawwat ukoll. Illi fil-fehma tal-Qorti dak li jallega l-appellant għandu mill-inkredibbli. Fl-ewwel lok, ma jidhirx illi lilu kienu jingħataw xi ordnijiet minn din il-vuċi, kif lanqas kienu jingħataw lit-tfajla tiegħu AB. Anzi jidher illi huwa kien il-*portavoce* ta' din il-vuċi u kien iwassal il-messaġġi lil dawn in-nisa x'kellhom jagħmlu. L-ordni biex isir it-tindif u il-ħasil kien dejjem isir lil dawn in-nisa, l-ordni biex jiġu kommessi atti ta' natura sesswali kienu dejjem diretti lejn ADu AE u mhux ukoll lilu u lit-tfajla tiegħu. Illi fil-mira tas-swat bil-frosta, ukoll kienu ADu AE, għalkemm l-appellant konvenjentement igħid lil kien hemm okkazzjonijiet fejn anke huwa issawwat. Dan l-aħħar fatt iżda jiġi żmentit minn AE li tirrakonta li kienet qabbdet lill-appellant jagħti d-daqqiet mal-ħajt waqt li kien jagħmel ta' bi ruħu li qed iweġġa' hu. Illi l-inċidenti kollha rakkontati, kemm dawk ta' abbuż sesswali kif ukoll dawk fiżiċi seħħew fil-kamra tas-sodda fejn kienu jorqdu dawn l-erbgħa min-nies u fil-ħin meta dawn it-tlett nisa kienu jkunu waħedhom mal-appellant. Illi meta l-appellant ma kienx ikun

ġewwa d-dar l-ebda vuċi ma kienet toħroġ l-ordnijiet. Illi jidher finalment illi kien hemm eskalazzjoni ta' dawn l-avvenimenti minn meta l-appellant mar jirrisjedi f'din id-dar sabiex b'hekk din il-Qorti, bħal Qorti Kriminali qabilha, ma għandiex dubbju illi kien l-appellant, u ħadd iktar, li kien qed jorkestra dan ix-xenarju makabru u dan għal gratfikazzjoni tiegħu. Mħux biss, iżda grazzi għal dawn l-'ordinijiet sopranaturali' jidher illi l-appellant kien anke qed jakkwista il-flus minn għand AD għalkemm kien diżokkupat u iqatta' l-ħin kollu id-dar jilgħab bil-*playstation*.

**26**. Illi l-Qorti qed tagħmel referenza għal dawn il-fatti probatorju mhux għaliex fihom innifishom huma marbuta mal-kummisjoni tar-reati addebitati lill-appellant, iżda għaliex jitfgħu d-dawl fuq l-inverosimiljanza tal-verżjoni tiegħu tal-fatti kif imfissra minnu fl-istqarrijiet rilaxxati lil pulizija. Illi f'dan ix-xenarju din il-Qorti, bħall-Qorti Kriminali qabilha, ma għandha ebda dubbju li l-att materjali tar-reat kien kommess mill-appellant kif jirrakkontaw dawn it-tlett nisa waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, illi kienu konkordi mal-fatt illi kien l-appellant u ħadd iktar li ordna lil AD tikkometti l-att sesswali b'oġġett, f'dan il-każ lasta ta' xkupa. Illi ukoll żgur u mhux forsi illi AD ma kkomettietx dan l-att sesswali b'mod volontarju u liberu. L-att penetrattiv kellu jsir, kif ordnat, minn AE, li madanakollu ma waslitx biex teżegwixxi l-ordni li kien qed jiġi lilha mogħti, b'dan għalhekk illi l-appellant qabad u kompla bl-att hu b'mod vjolenti tant illi l-vittma bdiet twerżaq u tgħajjat bl-uġigħ u titkarrabblu biex jieqaf. F'dan il-mument l-appellant iżda ma waqafx u kompla għaddej bil-penetrazzjoni fl-orefiċi intimi, kif ingħad, u dan għalkemm kontra l-volonta' tal-vittma, bl-iskuża li ma setax jieqaf għaliex hekk kien ordnat li jagħmel mill-vuċi tal-ispirtu. Illi f'dan il-kwadru probatorju, kif tajjeb tikkonkludi l-Ewwel Qorti jirriżultaw l-elementi kollha li jsawwru ir-reat tal-istrupru u dan immaterjalment mill-episodji l-oħra li kienu seħħew u li kienu qed iseħħu ġewwa d-dar.

**27.** Illi għalhekk hija l-verżjoni tal-fatti mogħtija minn Ruth, AEu AB li għandha mis-sewwa u dan għalkemm *a tempo vergine* jidher illi kemm ADkif ukoll AB tant kienu kkundizzjonati mill-appellant illi ppruvaw jgħattulu biex jeżonerawh mir-responsabbilita' penali. Il-verżjoni tal-fatti ta' AE madanakollu baqgħet konsistenti mill-mument illi hija rrappurtat il-każ lill-pulizija, meta xehdet fl-Istruttorja u finalment meta reġgħet iddeponiet fil-qorti matul il-ġuri, bix-xhud tindika illi kien hemm iktar minn okkazzjoni waħda meta qabbdet lill-appellant fil-fatt jipprova jippersonfika lil din il-vuċi satanika, kif ukoll qabbditu jikkommetti s-swat fuqhom u jwaddab diversi oġġetti fid-direzzjoni tagħhom, dejjem jippersonifika lil dan l-allegat spirtu sataniku. Fuq kollox fil-perijodu taż-żmien meta seħħew il-fatti inkriminatorji ma kien hemm ebda persuna oħra tirrisjedi fid-dar ta' sess maskili, għajr għall-appellant u allura meta l-vittmi jirrakontaw illi l-vuċi li kienet tagħmel l-ordnijiet hija vuċi maskili, ma seta' jkun ħadd għajr l-appellant, iktar u iktar meta kien jordnalhom jaqduh fil-bżonnijiet tiegħu u kien jordna ukoll lil AD tgħaddielu l-flus tal-paga.

**28.** Illi minn dawn il-fatti probatorji jirriżulta ppruvat mhux biss ir-reat tal-istupru aggravat fit-termini tal-artikolu 202(k) u 208AC(2)(c)[6] tal-Kodiċi Kriminali, u dan kif deċiż fis-sentenza appellata, stante illi l-vittma għandha titqies bħala persuna vulnerabbli fit-termini ta' dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi. Illi stabbilit illi l-verżjoni tal-fatti tal-allegata vittma hija attendibbli, il-Qorti Kriminali setgħat legalment u raġjonevolment issib ħtija ukoll għar-reat imfassal fit-Tieni Kap tal-Att ta'l-Akkuża u dan fejn għandha tirriżulta il-ħtija kontra "**kull min, bl-użu tal-forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mil-libertà, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, jikkaġuna persuna oħra sabiex tikkommetti xi atti mhux kunsenswali**

[6] Kull persuna oħra li tkun meqjusa mill-qorti li qiegħda partikolarment f'riskju li tiġi mħajjra biex tikkoperama' min jinsab ħati jew li ċċedi għal volontà ta' min jinsab ħati meta tieħu kont tal-età, il-maturità, is-saħħa, it-tqala, id-diżabilità, kondizzjonijiet soċjali jew oħrajn tal-persuna, inkluż kull sitwazzjoni ta'dipendenza, kif ukoll l-konsegwenza fiżika jew psikoloġika tar-reat fuq dik il-persuna

**msemmija fis-subartikoli preċedenti ma' kwalunkwe persuna oħra."** Dan għaliex, kif jirriżulta mill-atti, l-imputat bl-impersonifikazzjoni ta' vuċi ta' spirtu sataniku ġiegħel lil AE tikkometti stupru permezz ta' oġġett fuq il-persuna ta' ommha, bil-bidu ta' penetrazzjoni fl-orefiċi intimi jikkostitwixxi l-att konsumattiv tar-reat tal-istupru, kif ingħad. Finalment fl-atmosfera ta' biża', swat u theddid ipperpetrat mill-appellant, kif ingħad, huwa kien mhux biss kontinwament jagħti ordnijiet lil ADu AE, iżda ukoll kien ħakimhom psikoloġikament anke bl-użu ta' vjolenza kontinwa, tant illi kien jispiċċa isawwathom bl-użu ta' frosta li hu kien iżżomm taħt is-sodda tiegħu. L-appellant ma jiċħadx illi huwa kien xtara din il-frosta u dan sabiex jużaha biex jiddixxiplina il-klieb li kien akkwista tar-razza Doberman. Illi kemm AE, kif ukoll AD jikkonfermaw illi s-swat kien iseħħ meta huma kienu jkunu waħedhom fid-dar mal-appellant, u saħansitra kien hemm okkazzjoni fejn lemħu lill-appellant juża din il-frosta fuqhom. Illi anke il-minuri AB tikkonċedi, meta tixhed fil-ġuri, illi hija kienet kompletament maħkuma mill-appellant u kienet tibża' minnu. Kwindi anke ir-reat imfassal fit-Tielet Kap tal-Att ta'l-Akkuża jirriżulta ippruvat.

**29**. Illi finalment il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-appellant, meta irrealiżża illi l-abbuż minnu perpetrat kien ser jinkixef u li kienu ddaħħlu l-pulizija fin-nofs, ipprova jagħmel pressjoni fuq il-vittmi tiegħu sabiex huma ma jirrakkontawx dawn il-fatti. Illi jipprova jikkonvinċi lil Giovanni Cilia sabiex ma ighaddiex reġistrazzjoni illi huwa kellu fil-pussess tiegħu tal-'vuċi' għaliex igħidlu li din il-vuċi tixbah ħafna lil leħnu. Cilia bir-rabbja jkisser iċ-ċellulari fejn kien hemm din ir-reġistrazzjoni. Mhux biss iżda jġiegħel lil AD ma tirrakkontax dak li seħħ u dan meta din kienet tinsab dghajfa rikoverata ġewwa l-isptar. Iġiegħel lil AB, li f'dak iż-żmien kienet għadha it-tfajla tiegħu, tagħmel pressjoni fuq ommha billi tgħidilha illi jekk kienet ser tixhed kontrih, ser tikkometti suwiċidju, u fil-fatt AD tipprova tgħattielu lill-appellant meta tixhed matul l-Istruttorja għax beżgħet li bintha kienet ser tweġġa' lilha nnifisha. L-appellant

ma jiċħadx li saru dawn il-komunikazzjonijiet, iżda igħid illi dawn saru sabiex jikkonvinċi lil dawn in-nisa igħidu il-verita', skuża li din il-Qorti ma tikkonvinċiehiex.

**30**. Illi l-appellant jinsab finalment ħati ukoll tar-reat imfassal mill-Avukat Ġenerali fl-aħħar Kap tal-Akkuża u ċioe' illi kien involut f'attivita' ta' natura sesswali ma' minorenni. Issa l-appellant ma jiċħadx illi tul il-perijodu li dam jirrisjedi mal-familja AF huwa kien ikollu rapporti sesswali mal-minuri AB. Jinnega, iżda, li kien jaf li din kellha erbatax-il sena u jikkontendi illi ħaseb li din kienet maġġorenni. Illi lanqas hawn l-appellant ma jista' jitwemmen. Dan għaliex jemerġi mill-provi illi f'dan il-perijodu ta' żmien AB kienet għadha tmur l-iskola, tant illi l-minuri stess tirrakonta illi kien hemm okkazzjonijiet fejn l-appellant kien iżommha milli tattendi l-iskola u jgħidilha biex tibqa' d-dar. Il-minuri wkoll tirrakkonta illi kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn kien ikollha rapporti sesswali mal-appellant u dan dejjem fuq xewqa tiegħu u li dawn ir-rapporti ukoll kienu jkunu karatterizzati bl-użu tal-forza, bl-att jkun deskritt mill-minuri bħala 'selvaġġ'. Kwindi anke dan ir-reat jirriżulta ippruvat bl-appellant konxjament u volutament jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt is-sittax-il sena.

**31**. Stabbilit kwindi li l-Qorti Kriminali setgħet legalment u raġjonevolment issib ħtija fl-appellant, jifdal biex tkun ikkunsidrata t-talba sussidjarja magħmula mill-appellant marbuta mal-piena erogata mill-Qorti Kriminali ta' għoxrin sena priġunerija, u dan għalkemm ma jressaq ebda aggravju formali fir-rigward tal-istess. Il-Qorti għalhekk hija sajma mill-mottiv li wassal lill-appellant iressaq din it-talba alternattiva għajr għal fatt illi huwa jikkontendi illi il-piena erogata mhijiex idonja għaċ-ċirkostanzi tal-każ.

**32**. Illi l-Qorti Kriminali għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet meta ġiet biex tikkalibra l-piena li kellha tiġi erogata fil-konfront tal-appellant:

> **"Ghal fini ta' piena din il-Qorti qieset is-segwenti fatturi sabiex ma tapplikax il-piena massima permessa mill-ligi:**
> **1. Minn banda wahda il-fedina penali tal-akkuzat hija wahda netta u cioe' bla ebda reati jew kontravvenzjonijiet irregistrati fuqha u ghalhekk ghandu jigi trattat bhala *first time offender*;**
> **2. Il-fatt li l-akkuzat kellu biss tmintax-il sena meta kkommetta dawn ir-reati;**
> **3. Il-fatt illi dan il-kaz gie deciz fi zmien ragonevoli stante li l-akkuzat dejjem deher il-Qorti meta gie notifikat;**
>
> **Mill-banda l-ohra pero', il-Qorti tqis li hem mil-fatturi segwenti ghaliex m'ghandiex tmur lejn il-minimu fl-applikazzjoni tal-piena:**
> **1. Il-fatt li hemm pluralita' ta' vittmi;**
> **2. Il-fatt illi wahda mill-vittmi kienet minorenni meta l-akkuzat ippartecipa f'attivitajiet sesswali maghha;**
> **3. L-istat ta' terror u biza li huwa poggha lill-vittmi ghal perjodu ta'zmien in eccess ta' xahar;**
> **4. It-tip ta' hsara li hu kkaguna u cioe' kemm dik fizika u kemm dik psikologika;**
> **5. L-ingratitudni tieghu lejn familja li laqghatu f'darha bla hlas;**
> **6. Id-dizordni u chaos li hu holoq fil-familja Omissis tant li kien hemm zmien li l-missier kellu johrog mid-dar;**

**33**. Issa r-reat tal-istupru fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat kien iġorr il-piena tal-priġunerija bejn is-sitta u it-tnax-il sena. Permezz ta'l-Att LXIV of 2021, madanakollu l-artikolu 198(1A) tal-Kodiċi Kriminali kien introdott u jaqra hekk:

> **Kull min, mingħajr kunsens, jikkommetti penetrazzjoni vaġinali, anali jew orali b'oġġett kemm jekk l-oġġett ikun wieħed intiż għall-attivitajiet ta' natura sesswali jew xort' oħra, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tlieta (3) sa tnax (12)-il sena:**
> **Iżda l-penetrazzjoni b'oġġett għandha titqies kompluta hekk kif tinbeda l-penetrazzjoni b'dak l-oġġett, u ma jkunx meħtieġ li jinġiebu provi ta' atti ulterjuri.**

**34**. Dan ifisser illi l-Qorti Kriminali kellha tgħaddi biex tapplika dawn il-parametri fil-piena billi din kienet il-piena l-aktar favorevoli għall-appellant u

mhux dik applikabbli fiż-żmien tal-kummissjoni tar-reat[7], liema piena għandha tiżdied bi grad tenut kont li kien hemm ħtija għall-aggravanti ikkontemplat fl-artikolu 202(k) tal-Kodiċi Kriminali, bir-reat ikun kommess fil-konfront ta' persuna vulnerabbli.

**35**. Similment l-artikolu 198(2), jiddisponi illi:

**Kull min, bl-użu tal-forza, tixħim, theddid, qerq, ċaħda mil-libertà, pressjoni mhux kif imiss jew xi mġiba oħra illegali jew bit-theddid ta' aġir bħal dan, jikkaġuna persuna oħra sabiex tikkommetti xi atti mhux kunsenswali msemmija fis-subartikoli preċedenti ma' kwalunkwe persuna oħra jeħel, meta jinstab ħati, il-pieni msemmija fl-istess subartikoli.**

**36.** Illi l-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali, imbagħad, iġorr il-piena tal-priġunerija bejn sena u sentejn jew il-multa bejn €6500 u €15000, jew dik il-multa u l-priġunerija flimkien. Finalment il-parteċipazzjoni f'att sesswali ma' minuri ikkontemplat fl-artikolu 204C iġorr il-piena tal-priġunerija bejn hamsa u għaxar snin.

**37**. Illi l-Qorti ma tistax ma tikkundannax l-aġir irreprensibbli ta'l-appellant li abbuża minn persuna dgħajfa u minn wliedha, fejn mhux biss ikkommetta vjolenza fuq dawn il-persuni, iżda attakka d-dinjita' tagħhom bl-agħar mod possibbli. Il-Qorti Kriminali, li għexet il-proċess, wriet biċ-ċar li l-piena kominabbli kellha tkun aktar viċin il-massimu erogabbli skond il-liġi. Illi allura il-Qorti hija konkordi ma' din il-fehma, għalkemm l-appellant għandu fedina penali nadifa, għaliex din għandha tkun tali li tirrifletti il-gravita' tar-reati minnu ipperpetrati fejn kien hemm numru ta' vittmi li sofrew ħsara. Għalkemm l-Qorti hija sajma mill-mod kif il-Qorti Kriminali waslet biex teroga l-piena ta' għoxrin sena priġunerija, stante illi ma hemm ebda disposizzjoni tal-liġi indikata fil-parti

---

[7] Artikolu 27 tal-Kodiċi Kriminali : Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xortawaħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi.

deċiżorja tas-sentenza appellata, tqies illi l-piena ta' għoxrin sena priġunerija hija waħda li tagħmel ġustizzja fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ tenut kont tal-mod makabru adoperat mill-appellant fil-kummissjoni tar-reati li dwarhom instabet il-ħtija. Dan għaliex il-piena trid tkun tali fejn l-persuna misjuba ħatja mhux biss twieġeb għall-aġir inkriminatorju minnha kommess, iżda li tara li tħares l-interessi mhux biss tal-vittmi, iżda ukoll tas-soċjeta in ġenerali biex ma jkunx hemm repetizzjoni ta' offiżi simili iktar u iktar meta, bħal f'dan il-każ, dawn ikunu ġew perpetrati permezz ta' perverżjonijiet marbuta mal-okkult. Għaldaqstant din il-Qorti ma tara li hemm ebda raġuni għaliex għandha tirrimpjazza d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Qorti Kriminali u dan tenut kont ukoll illi t-terminu ta' għoxrin sena prigunerija, minkejja it-tibdil fil-liġi kif imfisser hawn fuq, xorta waħda jaqa' fil-parametri tagħha u konsegwentement tqies illi ma għandux jkun hemm xi mitigazzjoni fl-istess.

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Tordna divjet tal-publikazzjoni fil-gazzetti lokali, siti elettroniċi u meżżi tax-xandir tal-ismijiet kemm tal-appellant kif ukoll tal-vittmi u dan għal protezzjoni tal-imsemmija vittmi.**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI GRIXTI**